13 ta' Novembru, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Maria Frendo Randon *versus* Dottor Vincenzo Gatt ne.

**Taxxa tal-Boll — Diviżjoni ta' Krediti Ereditarji — Art. 68 (3) tal-Kap. 68.**

*It-trasferimenti kollha, assenjazzjonijiet u kuntratti oħra msemmija taħt it-Titolu VI tal-Kap. 68, magħmula b'att notarili, huma suġġetti, barra milli għat-taxxa tal-boll għall-att, anki għat-taxxa*

*tal-boll "ad valorem" imposta fl-art. 68 (3) tal-Kapitlu fuq imsemmi.*

*Għaldaqstant, billi r-regolament u ripartizzjoni ta' krediti provenjenti minn eredità jkunu suġġetti għall-boll "ad valorem", hemm bżonn li jkunu jaqgħu taħt xi waħda mill-ipotesijiet kontemplati f'dak it-Titolu.*

*Il-każ ta' diviżjoni ta' krediti formanti parti minn assi ereditarju ma jaqax taħt xi waħda minn dawk l-ipotesijiet; u għalhekk ma hix suġġetta għat-taxxa tal-boll "ad valorem".*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, peress li l-atturi, qabel ma għamlu fl-atti tan-Nutar Robert Girard tal-25 ta' Mejju 1951 (dok. D) id-diviżjoni tal-krediti formanti parti mill-assijiet ereditarji ta' Paolo u Emilia Cassar Torreggiani, ġew kostretti mill-konvenut iħallsu s-somma ta' £50. 8. 0 bħala taxxa tal-boll "ad valorem" fuq id-diviżjoni ta' dawn il-krediti; liema pagament l-atturi għamlu per mezz tan-Nutar Robert Girard taħt protest preżentat fit-23 ta' Mejju 1951 (dok. E); u peress illi l-imsemmija diviżjoni ta' krediti mhix soġġetta għat-taxxa "ad valorem" pretiża mill-konvenut; il-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi lill-atturi s-somma fuq imsemmija ta' £50. 8. 0. indebitament minnu eżatta għad-diviżjoni tal-krediti fuq deskritti; bl-ispejjeż u bl-imgħax legali min-notifika tal-protest preċitat kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li biha qal li t-talba ta' l-atturi ma hijiex sostenibili, il-għaliex l-assenjazzjoni ta' krediti u titoli li saret fid-diviżjoni fl-attijiet tan-Nutar Robert Grard tal-25 ta' Mejju 1951 indikata fiċ-ċitazzjoni hija suġġetta għat-taxxa tal-boll skond l-art. 59 ta' l-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll (Kap. 68), u illi fi kwalunkwe każ il-kawża saret intempestivament, u għalhekk l-ispejjeż tagħha għandhom dejjem ibatuhom l-atturi, il-għaliex mid-deċiżjoni mogħtija mill-esponent nomine fit-22 ta' Mejju 1951, skond ma jintqal fl-art. 28 (e) tal-Liġi fuq imsemmija, dwar dina l-kwistjoni, l-istess atturi għamlu appell li jinsab appuntat għat-22 ta' Ottubru 1951, u għalhekk l-atturi kienu missħom qabel xejn jistennew il-pronunċjament fuq dina l-

kwistjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re; b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra:

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi mit-trattazzjoni tal-kawża l-kontendenti deħru li qegħdin jammettu l-fattijiet li taw lok għall-azzjoni odjerna. Id-diverġenza bejniethom tikkonċerni biss il-pont jekk, skond il-liġi, il-konvenut nomine kienx jew le intitolat jeżiġi li fil-qasma ta' krediti rientranti fl-assijiet patrimonjali ta' l-A.I.Ċ. Paolo u martu Emilia, miżżewġin Cassar Torreggiani, ikun appost boll "ad valorem"—dak li l-atturi jikkontestaw;

Milli jidher, l-atturi ġew biex jagħmlu d-diviżjoni tal-patrimonji tal-ġenituri tagħhom dwar it-titoli u krediti li kienu mdaħħlin f'dawk l-assijiet, u qabel il-publikazzjoni ta' l-att il-konvenut nomine ġie avviċinat minn persuna inkarikata mill-istess atturi dwar l-appożizzjoni tal-bolli fl-att skond il-liġi, u l-konvenut nomine, b'deċiżjoni orali tiegħu tat-22 ta' Mejju 1951, qata' li l-att kellu jiġi mbullat "ad valorem", anki dwar il-krediti hemm imsemmija; in konsegwenza ta' liema ordinanza amministrativa l-atturi, bi protest tat-22 ta' Mejju 1951 (notifikat fl-istess jum lill-konvenut nomine), issottomettew li huma kienu sejrin jippubblikaw l-att tal-qasma u jħallsu l-boll kif ġie deċiż taħt protesta, u qegħdu lill-konvenut nomine in dolo u kolpa għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, bl-intima li jirrifondilhom l-ammont ta' boll indebitament imħallas, bl-imgħax min-notifika ta' dak il-protest ġudizzjarju; u fil-25 ta' Mejju 1951, per mezz tan-Nutar Dr. Robert Girard, għaddew għall-publikazzjoni tal-konsaput att;

Illi, kif intqal fuq, il-kwistjoni f'dina l-kawża hija ċirkoskritta għar-rfużjoni ta' £50. 8. 9 għal boll konness mal-qasma tal-krediti biss, kif mhux kontestat mill-konvenut nomine; il-għaliex dwar il-boll tat-titoli hemm proċeduri pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re;

Ikkunsidrat;

Illi l-lum, li l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni ġiet opportunament rinunzjata mill-konvenut nomine, jibqa' għal dina l-Qorti teżamina, tara u taqta', jekk il-qasma ta' krediti mdaħħla fl-assi ereditarju bejn l-eredi kondividenti

lujiex jew le suġġetta għat-taxxa tal-boll "ad valorem", skond l-istess liġi dwar it-taxxa tal-boll (Kap. 68 ta' l-Edizzjoni Riveduta) kif jippretendi l-konvenut nomine;

Ikkunsidrat;

Illi t-trasferimenti kollha, assenazzjonijiet u kuntrattazzjonijiet oħra msemmijin taħt it-Titolu VI tal-Kapitolu 68, magħmula per mezz ta' attijiet notarili, oltre l-boll għall-att kontemplat taħt l-art. 30, irid ikollhom ukoll il-boli "ad valorem" ordnat u mpost fl-artikoli hemm imdaħħla (ara sez. 68 (3) Kap. 68);

Illi di konsegwenza, jekk ir-regolament u ripartizzjoni tal-krediti ta' l-att "de quo agitur" ma jaqgħux taħt ebda wieħed minn dawk il-każijiet kontemplati fit-Titolu VI (sezzjoni 57-70), l-istess ma jistgħux jingħadu li huma suġġetti għat-taxxa tal-boll "ad valorem" pretiża;

Illi ma jidherx li jista' jiġi affermat li dak li huwa mdaħħal fil-liġi mis-sezzjoni 58 sas-sezzjoni 70 ta' dak l-istess Titolu VI, għandu x'jaqsam mal-każ in diżamina;

Ikkunsidrat;

Illi kwindi, la darba ġew esklużi l-ipotesijiet kontemplati fl-artikoli preċitati, jibqa' għal dina l-Qorti d-dinir li teżamina u tara jekk il-każ odjern jistax jaqa' taħt l-artikolu 57 tat-Titolu fuq imsemmi;

Illi għal dana l-fini huwa ta' min josserva li fl-ewwel subsezzjoni ta' l-artikolu fuq imsemmi ġew mill-leġislatur kontemplati bħala suġġetti għat-taxxa "ad valorem" skond id-disposti varjanti u skalari in bażi għall-valur imniżżla f'dak l-istess artikolu, l-attijiet kollha (fosthom ukoll il-kuntratt ta' bejgħ ta' bastimenti u attijiet notarili), kif ukoll kwalunkwe sentenza, digriet jew ordni tal-Qorti, jew awtorità oħra leġittima, li bihom "ħaġa immobili" jew "bastiment", jew "sehem f'bastiment", jiġu trasferiti u assenjati b'bejgħ, b'qasma, b'donazzjoni, b'dota, jew titolu ieħor. Fil-verità jingħad li din is-sezzjoni mhix, bla ebda ombra ta' dubju, applikabili għall-każ odjern; il-għaliex ir-regolament u ripartizzjoni tal-krediti, li ġiet magħmula fl-att konsaput, ma tidħolx taħt id-diċitura tal-kliem "immovable thing", li skond il-Kap. 68 sez. 3 għandu jkollhom is-sinifikat li lilhom jagħti l-art. 348 tal-Kodiċi

Ċivili Kap. 23; u lanqas ma tista' tassumi s-sinifikat jew tidħol taħt in-nomenklatura ta' bastiment;

Illi dwar it-tieni subsezzjoni ta' l-art. fuq imsemmi jingħad li l-istess jordna li d-dispożizzjonijiet ta' dak l-istess artikolu japplikaw ruħhom ukoll għać-ċessjoni ta' krediti jew jeddijiet oħra msemmija, u għall-antikresijiet kontemplati fil-Kodiċi Ċivili; b'dana li dwar dan l-aħħar titolu msemmi l-istess huma ristretti għal żmien partikulari fil-liġi msemmi. Jingħad li, in kwantu għall-antikresijiet, il-każ odjern ma jaqbilx ma' dak l-istitut, anki kif maħsub fil-liġi fiskali; u kwindi dwaru m'hemmx lok għalfejn isir diskors;

Illi ċ-ċessjoni ta' krediti jew jeddijiet oħra msemmija fissubtitolu VII tat-Titolu VI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta), u li għaliha tagħmel riferenza l-liġi fiskali "de quo", hija dik li tidħol fit-trasferimenti ta' natura oneruża, għalkemm, kif fuq intqal, xjentifikament l-istess ċessjoni jista' jkollha sens aktar estiż minn dak lilha attribwit fil-Kodiċi Ċivili (ara Troplong, Delle Ipoteche, para. 346);

Illi fl-att tal-qasma in kwistjoni l-atturi ma waslu għal ebda ċessjoni ta' krediti jew drittijiet oħra bħal dawk rientranti fil-Kodiċi Ċivili, jew mod ieħor, li jistgħu jkunu mdaħħla fid-dispost 57 tal-Kap. 68 ta' l-Ediz. Riveduta. Tabilħaqq, huma kellhom fil-patrimonju in diviżjoni l-ammont likwidu ta' £19, 004. 17. 9, li kienu provenjenti minn imgħaxijiet fuq il-kapitali u minn ħlasijiet ta' kera tal-fondi immobili (ara prospett fol. 32 tal-proċess). Xi wħud mill-istess kondividenti donnhom jidhru li kienu ħadu xi flus b'self minn għand l-awtriċi tagħhom, u meta ġew biex jaqsmu l-istess flus likwidi li fuq issemmew huma rregolaw ir-rispettivi djun tagħhom, li flimkien kienu jagħmlu l-ammont ta' £9,665. 17. 9, billi dawk li kienu debituri ħadu somma anqas mill-ammont dovut lilhom bħala porzjoni mill-qasma ta' dawk l-istess flus skond ratizzazzjoni li saret bejniethom. Dana r-regolament, almenu kif jidher mid-dokumenti eżibiti, li għalihom qagħdu l-kontendenti, ma jikkostitwix ebda rapport ġuridiku ta' ċessjoni ta' krediti jew jeddijiet oħra kif regolata mill-Kodiċi, u lanqas għandu min-natura ta' assenjazzjoni jew ta' trasferiment ta' proprjetà b'ċessjoni, u kwindi ma jistax jingħad li jaqa' lanqas

taħt id-dispożizzjoni ta' l-art. 57 (2) tal-Kap. 68, b'mod li jkun jista' jingħad li huwa suġġett għat-taxxa tal-boll "ad valorem";

Illi l-prattika allegata mill-konvenut nomine, fis-sens li huma jistennew li ssir korrezzjoni ta' l-attijiet notarili qabel kwalunkwe rifużjoni ta' flus ta' boll imħallsin aktar, għalkemm mhix ta' data antika biex tkun liġi, l-istess, jekk hija opportuna amministrativament, mhix opportuna għar-reklami tad-drittijiet taċ-ċittadini in linea ġudizzjarja;

Illi fir-reviżjoni ta' l-attijiet il-Maġistrati Reviżuri ma għandhomx id-dmir li jgħidu kemm in-nutari jkunu apponew boll aktar, imma kemm fl-attijiet ikunu ġew apposti bolli anqas milli għandhom jiġu apposti, jew inkella ġewx jew le apposti bolli fejn għandhom ikunu apposti;

Illi l-konvenut ċertament seta' jiġi jaf bil-każ mill-impjegati tiegħu, u anki per mezz tal-protest ġudizzjarju lilu notifikat qabel ma sar il-kuntratt, u ċjoè preċiżament tlitt ijiem qabel;

Illi kwindi, skond il-liġi, in kwantu għad-dritt, it-talba attriċi hija ġustifikata;

Illi in kwantu għas-somma mitluba bħala rifużjoni ta' flus għall-boll imħallsa dwar il-materja in kwistjoni, ma ġie eċċepit xejn mill-konvenut nomine; anzi l-kontendenti dehru li jaqblu fuqha;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi, u tikkundanna lill-konvenut nomine jħallas lura lill-atturi l-ammont ta' £50. 8. 0 minnu indebitament eżatti bħala flus għal boll "ad valorem" fuq il-qasma tal-krediti magħmula bil-kuntratt ta' diviżjoni publikat min-Nutar Dr. Robert Girard fil-25 ta' Mejju 1951, bl-imgħaxijiet legali mit-22 ta' Mejju 1951, data tan-notifika tal-protest ġudizzjarju, u bl-ispejjeż kollha.